

32006D0926

L 354/52

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

14.12.2006

**DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI****tat-13 ta' Diċembru 2006****li temenda d-Deċiżjoni 2001/881/KE dwar il-lista ta' stazzjonijiet ta' l-ispezzjoni fil-fruntiera fid-dawl ta' l-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija**

(innotifikata taħt dokument numru C(2006) 6454)

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2006/926/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat it-Trattat ta' Adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija, u partikolarment l-Artikolu 4(3) tiegħu,

Wara li kkunsidrat l-Att ta' Adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija, u partikolarment l-Artikolu 56 tiegħu,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/881/KE tas-7 ta' Diċembru 2001 li tfassal lista ta' stazzjonijiet ta' l-ispezzjoni fil-fruntiera miftehma għal kontrolli veterinarji fuq animali u prodotti ta' l-annimali minn pajjiżi terzi u li taġġorna r-regoli dettaljati dwar il-kontrolli li għandhom iseħħu minn esperti tal-Kummissjoni <sup>(1)</sup> tistipula lista ta' stazzjonijiet ta' l-ispezzjoni fil-fruntiera għal kontrolli veterinarji fuq annimali ħajjin u prodotti ta' l-annimali li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni ("lista ta' stazzjonijiet ta' l-ispezzjoni fil-fruntiera").
- (2) L-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija fl-1 ta' Jannar 2007 se twassal għal qaqliq u tibdil sinifikanti fil-fruntieri tal-Komunità ma' pajjiżi terzi ġirien.
- (3) Wara l-adeżjoni ta' dawn iż-żewġ pajjiżi, l-Ungerija mhux se tibqa' l-art fil-fruntiera fix-xlokk tal-Komunità u l-istazzjon eżistenti ta' l-ispezzjoni fil-fruntiera ta' l-art u l-punt f'Nagyak fil-fruntiera ta' l-Ungerija u r-Rumanija fejn jiddaħlu annimali ħajjin se jitlef il-funzjoni tiegħu. Għaldaqstant, il-post għandu jitneħħa mil-lista ta' stazzjonijiet ta' l-ispezzjoni fil-fruntiera. Din it-tneħħija kienet attwata fil-pakkett ta' adattamenti tekniċi legali neċessarju b'riżultat tat-tkabbir.
- (4) B'żieda ma' dan, il-fruntiera Griega mal-Bulgarija mhux se tibqa' titqies bħala fruntiera ma' pajjiżi terzi, u l-istazzjon eżistenti ta' l-ispezzjoni fil-fruntiera ta' l-art fuq din il-fruntiera f'Ormenion u fi Promochonas se jtilfu l-funzjoni tagħhom. Għaldaqstant, dawn għandhom jitneħħew mil-lista ta' stazzjonijiet ta' l-ispezzjoni fil-fruntiera. Din it-

tneħħija kienet ukoll attwata fil-pakkett ta' adattamenti tekniċi legali neċessarju b'riżultat tat-tkabbir.

- (5) Il-lokalitajiet kollha ġodda proposti fil-Bulgarija u r-Rumanija, imressqa bħala stazzjonijiet ta' l-ispezzjoni fil-fruntiera ma' pajjiżi terzi, ġew ispezzjonati mill-Uffiċju Alimentari u Veterinarju tal-Kummissjoni li rrakkomanda li dawk li tlestew b'mod sodisfaċenti għandhom jiġu approvati mill-Kummissjoni. Għaldaqstant, dawn il-lokalitajiet għandhom jiġu inklużi fil-lista ta' stazzjonijiet ta' l-ispezzjoni fil-fruntiera.
- (6) Id-Deċiżjoni 2001/881/KE għandha għalhekk tiġi emendata skond dan.
- (7) Il-miżuri preveduti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness tad-Deċiżjoni 2001/881/KE huwa emendat skond l-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika suġġetta għal u mid-data tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussel, 13 ta' Diċembru 2006.

*Għall-Kummissjoni*

Markos KYPRIANOU

*Membru tal-Kummissjoni*

<sup>(1)</sup> ĠU L 326, 11.12.2001, p. 44. Deċiżjoni kif emendata l-aħħar mid-Direttiva 2006/414/KE (ĠU L 164, 16.6.2006, p. 27).

## ANNEX

L-Anness tad-Deċiżjoni 2001/881/KE huwa emendat kif ġej:

- (1) L-annotazzjoni li ġejja tidħol għall-Bulgarija, bejn l-annotazzjoni għall-Belġju u r-Repubblika Ċeka:

"Pajjiż: Il-Bulgarija

1	2	3	4	5	6
Bregovo	BG 00199	R		HC (2), NHC	
Burgas	BG 00299	P		HC, NHC	
Gjushevo	BG 00399	R		HC (2), NHC	
Kalotina	BG 00499	R		HC (2), NHC	U, E, O
Kapitan Andreevo	BG 00599	R		HC, NHC	U, E, O
Sofja	BG 00699	A		HC (2), NHC (2)	E, O
Varna	BG 00799	P		HC, NHC	
Zlatarevo	BG 00899	R		HC (2), NHC"	

- (2) L-annotazzjoni li ġejja tidħol għar-Rumanija, bejn l-annotazzjoni għall-Portugal u l-Islowenja:

"Pajjiż: Ir-Rumanija

1	2	3	4	5	6
Albita	RO 40199	R	IC 1	HC (2)	
			IC 2	NHC-T(CH), NHC-NT	
			IC 3		U, E,O
Bukarest Otopeni	RO 10199	A	IC 1	HC-NT(2), HC-T(CH) (2), NHC-NT(2)	
			IC 2		E, O
Constanta North	RO 15199	P		HC(2), NHC-NT(2), NHC-T(CH)(2)	
Constanta South – Agigea	RO 15299	P		HC(2), NHC-T(CH)(2) NHC-NT(2)	
Halmeu	RO 33199	R	IC 1	HC (2), NHC (2)	
			IC 2		U, E,O
Sculeni Lasi	RO 25199	R		HC (2), NHC (2)	
Siret	RO 36199	R		HC (2), NHC (2)	
Stamora Moravita	RO 38199	R	IC 1	HC (2), NHC (2)	
			IC 2		U, E, O"